MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2009

Avviz Numru. 578/2005

**Unique Travel Ltd**

**Vs**

**King Tours Ltd**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avviz pprezentat mis-socjeta attrici nhar it-tnax (12) ta' Dicembru 2005 fejn s-socjeta attrici talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' (LM2,775.70) rapprezentanti l-valur ta' biljetti tal-arju li nbieghu lilha.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali dekorribbli mis-sitta w ghoxrin (26) ta' Marzu 2005 kontra tieghu kif ingunta in subizzjoni.

Rat illi s-socjeta konvenuta kienet debitament notifikata bl-avviz in kwistjoni nhar is-sittax (16) ta' Frar 2009 skond

kopja tal-gazetta lokali *The Times* esebita fl-atti a fol. 44, u fil-Gazzetta tal-Gvern datata sittax (16) ta' Jannar 2009 esebita fl-atti a fol. 42, oltre li giet notifikata bl-affissjoni fl-ufficcju registrat fl-indirizz 'Relax Inn Hotel', Bugibba nhar il-hmistax (15) ta' Jannar 2009 u kopja ta' l-avviz gie wkoll moghti l-ghassa tal-pulizija, Qawra u lill-Kunsill Lokali, Qawra nhar il-hmistax (15) ta' Jannar 2009 (fol. 40 tergo).

Rat illi fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Frar 2009 is-socjeta konvenuta giet imsejjha diversi drabi izda baqghet ma dehritx, la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi 'n subizzjoni.

Rat il-Kapitolu pprezentat mis-socjeta attrici.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa it-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' elfejn sebgha mija u hamsa u sebghin lira Maltin u sebghin centesmu Maltin (LM2,775.70) ekwivalenti ghal sitt elef erbgha mija erbgha w sittin euro u punt tlieta euro centezmi (€6464.03) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kontra s-socjeta konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------